MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2445/2000/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Michael u Jane konjugi Micallef u Dr. Peter Fenech u P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-30 ta' Novembru 2000 gew nominati kuraturi deputati biex jidhru ghall-erba' minuri Carl, Shaun, Ruth u Mark ilkoll ulied l-imsemmija konjugi Micallef.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Novembru 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi in forza ta’ kuntratt ta’ self u bejgh tal-14 ta’ Dicembru 1994 fl-atti tan-Nutar Joseph Lia (Dok A), il-Bank attur silef lill-konvenuti s-somma ta’ Lm16,000.

Illi d-debitu hawn fuq imsemmi gie rez ezegwibbli permezz ta’ ittra ufficjali tal-5 ta’ Mejju 1998 (Dok B) – il-Bank wara istitwixxa proceduri ta’ subbasta immobbli (Subbasta Immobbli 70/98) fejn talab il-bejgh bl-irkant tal-fond “Narcis”, Triq il-Bumanqar, Zabbar; dan il-fond gie liberat favur il-Bank attur wara offerta animo compensandi. Is-subbasta saret fit-8 ta’ Lulju 1999 u l-liberazzjoni saret ghal prezz ta’ Lm2000 (Dok C).

Illi l-atturi huma ghalhekk proprjetarji tal-fond “Narcis”, Triq il-Bumanqar, Zabbar u dan kif jirrizulta mid-dokumenti annessi.

Illi l-konvenuti qedin jiddetjenu u jokkupaw l-fond in kwistjoni minghajr titolu validu fil-ligi u b’hekk qedin jimpedixxu lill-Bank attur milli jiehu pussess tal-fond de quo skond il-ligi.

Illi l-valur lokatizju tal-fond jeccedi l-elf lira Maltin kif jindika Dok D.

Illi l-konvenuti qedin jokkupaw illegalment il-fond in kwistjoni u b’dan l-agir qedin jikkawzaw danni lill-atturi minhabba din l-okkupazzjoni.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara li l-konvenuti qedin jokkupaw il-fond “Narcis”, Triq il-Bumunqar, Zabbar minghajr titolu validu fil-ligi;

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju fissat minn dina l-Qorti

jizgumbraw mill-fond “Narcis”, Triq il-Bumanqar, Zabbar u jghaddu l-pussess vakant tal-istess fond lill-atturi;

3. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ta’ danni li huma kkawzaw u ghadhom jikkawzaw lill-atturi minhabba l-okkupazzjoni illegali taghhom tal-fond “Narcis”, Triq il-Bumanqar, Zabbar;

4. Tillikwida dawn id-danni anke b’rata per diem jekk hemm bzonn permezz ta’ perit nominandi;

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-atturi id-danni hekk likwidati per diem sad-data tal-effettiv rilaxx jew zgumbrament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-rapport tal-Perit Naudi (9 ta’ Mejju 2000) u bl-interessi legali.

Il-konvenuti ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa mill-P.L Nicholas Briffa I.D 119161(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-4 ta’ Dicembru 2000 li permezz taghha l-konvenuti Michael u Jane konjugi Micallef eccepew:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti peress li in materja ta’ zgumbrament, hija kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati u dan ai termini ta’ l-Artikolu 48 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fid-19 ta’ Frar 2001 li permezz taghha l-Avukat Peter Fenech u l-Prokuratur Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati ghan-nom tal-minuri Carl, Shaun, Ruth u Mark Micallef eccepew:

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jippresentaw l-eccezzjonijiet ulterjuri skond il-htiega hekk kif jikkomunikaw mal-klienti taghhom.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess jidher car li l-minuri jghixu fil-fond bhala r-residenza ordinarja taghhom u ghalhekk din hija protetta skond il-Ligi kif ukoll dik internazzjonali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza moghtija fis-16 ta’ Jannar 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-konvenuti ressqu biss l-eccezzjoni dwar il-kompetenza ta’ din il-Qorti illi giet gia’ respinta permezz tas-sentenza fuq imsemmija. Ghalhekk baqa’ biss li wiehed jara jekk l-atturi ippruvawx it-talba taghhom.

Il-bank attur qed jitlob l-isgobrament tal-konvenuti mill-fond imsemmi stante li qed jokkupawh minghajr titolu. Jirrizulta

mill-atti li l-bank akkwista l-fond wara proceduri ta' subasta (Dok C) u kwindi illum hu proprjetarju tal-fond. Il-konvenuti ma ressqu ebda prova li ghandhom xi titolu u ghalhekk it-talbiet dwar l-isgombrament ghandhom jigu akkolti.

L-atturi qed jitolbu ukoll danni minhabba l-okkupazzjoni tal-fond da parti tal-konvenuti. Madankollu ghalkemm mac-citazzjoni ipprezentaw kopja ta' rapport tal-AIC Robert Naudi l-istess perit ma giex imharrek biex jixhed u ghalhekk ir-rapport ma giex konfermat bil-gurament. Ghalhekk il-Qorti ma tistax takkorda t-talba ghad-danni ghaliex ma ngabux provi skond il-ligi dwar kemm hu l-valur lokatizju tal-fond ghal skopijiet ta' danni.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-bank attur u tordna lill-konvenuti biex jizgombraw mill-fond Narcis, Triq il-Bumunqar Zabbar fi zmien tlett xhur mil-llum; tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni stante l-okkupazzjoni illegali izda tichad iz-zewg talbiet l-ohra ghar-raguni gia' imsemmija; l-ispejjes jithallsu in kwanti ghal tlett kwinti (3/5) mill-konvenuti u zewg kwinti (2/5) mill-bank attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------